MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 900/2015 LM

**Roderick Gauci (K.I. numru 302872M)**

***vs.***

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581), u Carmelo Caruana Company Limited (C 9616) f'isimha proprju u bħala aġent tas-soċjetà estera CMA CGM S.A., u b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2016 ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà estera Alize 1957**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-25 ta' Settembru, 2015 mill-attur **Roderick Gauci** (K.I. 302872M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrent huwa registered port worker bin-numru tal-liċenzja 982;*
2. *Illi fil-15 ta' April 2014 seħħ inċident abbord il-bastiment CMA CGM Titan li jifforma parti mill-flotta tas-soċjetà intimata Carmelo Caruana Company Limited*

*nomine, meta l-istess rikorrent, waqt il-qadi ta' dmirijietu u fuq inkarigu tas-soċjetà intimata Malta Freeport Terminals Limited, ġarrab korriment gravi u debilitanti għad-dannu tal-persuna tiegħu;*

3. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent ġarrab damnum emergens fl-ammont komplessiv ta' erbgħa u ħamsin elf, mija u tnax-il euro wieħed u sebgħin ċenteżmu (€54,412.71) rappreżentanti kemm telf ta' xogħol (Dok. RG1) kif ukoll spejjeż ta' tobba (Dok. RG2 sa Dok. RG3) hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi inoltre, bħala konsegwenza tal-fuq imsemmi inċident, ir-rikorrent ġarrab ukoll lucrum cessans kaġun tal-fatt li bħala effett dirett tal-inċident, huwa sofra debilità permanenti riskontrata u aċċertata mill-konsulent ortopediku Mr Jason Zammit (Dok. RG4) u l-konsulent oftalmiku Mr Thomas Fenech (Dok. RG5) hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kienu jaħtu unikament is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti a tenur tal-Artikolu 1031 u tal-Artikolu 1032 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi inoltre, l-istess soċjetajiet intimati, jew min minnhom, naqsu milli jipprovdu a safe working environment kif ukoll ma osservawx l-obbligi li għandhom skont il-liġi (partikolarment il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) bħala entità li tħaddem. Għalhekk, l-imsemmija soċjetajiet intimati, jew min minnhom, naqsu milli jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tar-rikorrenti waqt il-qadi ta' dmirijietu;*

7. *Illi minkejja li s-soċjetajiet intimati kienu interpellati diversi drabi fosthom permezz ta' ittra interpellatorja tal-10 ta' Novembru 2014 sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni subiti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-inċident, huma ċaħdu kull responsabbilità għall-akkadut.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn ir-rikorrent qed jitlob li, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ fil-15 ta' April 2014 fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-damnum emergens tar-rikorrent fl-ammont komplessiv ta' erbgħa u ħamsin elf, erba' mija u tnax-il euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€54,412.71) kif fuq spjegat;*

3. *Tillikwida d-danni l-oħra tar-rikorrent konsistenti f'lucrum cessans naxxenti mid-diżabilità permanenti minnu subita, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lir-rikorrent dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Novembru 2014, u bl-imgħax legali fuq id-damnum emergens subiti mir-rikorrent hawn fuq indikat b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf sad-data tal-effettiv pagament, u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni rikorrenti skont il-liġi kontra s-soċjetajiet intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Limited** (C 27581) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Malta Freeport Terminals Limited"), li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ottubru, 2015, u maħlufa mill-Avukat Duncan Borg Myatt (K.I. 44578M), fejn eċċepiet:

1. *Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort jew negliġenza tas-soċjetà konvenuta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-diżabilità allegatament sofferta mill-attur u d-danni allegatament sofferti minnu huma kkontestati, u l-attur għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova d-danni pretiżi minnu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Carmelo Caruana Company Limited** (C 9616) f'isimha proprju u bħala aġent tas-soċjetà estera **CMA CGM S.A.**, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Limited pro et noe"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ottubru, 2015, u maħlufa minn Peter Bonavia (K.I. 30686M), fejn eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, is-soċjetà intimata Carmelo Caruana Company Limited f'isimha proprju mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha għalhekk tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, stante illi ma teżistix relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejnha u r-rikorrent għaliex meta seħħ l-inċident in kwistjoni, l-istess soċjetà kienet taġixxi sempliċement fil-kwalità tagħha bħala aġent tas-soċjetà estera CMA CGM S.A.;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u għal kull buon fini, jiġi ddikjarat illi għalkemm fil-ġurnata tal-inċident mertu ta' dina l-kawża s-soċjetà esponenti kienet tassew l-aġent tas-soċjetà estera CMA CGM S.A, illum il-ġurnata din l-aġenzija hija vestita fis-soċjetà CMA CGM Malta Agency Limited (C 53237);*

3. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà estera CMA CGM S.A. ukoll ma hijiex il-leġittimu kontradittur stante illi din is-soċjetà mhijiex il-proprjetarja tal-bastiment li fuqu seħħ l-inċident, u kwindi ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent;*

4. *Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent, u dan stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort jew b'xi nuqqas tas-soċjetà esponenti, iżda tort tar-rikorrent stess u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u l-prassijiet normali ta' fuq ix-xogħol – u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi subordinatament għar-raba' eċċezzjoni, apparti l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident, is-soċjetà esponenti qiegħda wkoll tikkontesta l-effett tal-ġrieħi u d-debilità permanenti illi allegatament ġarrab ir-rikorrent in segwitu għal dan l-inċident, u għaldaqstant ir-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova:*

    a. *Il-kawżalità bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-ġrieħi allegatament sofferti minnu; u*

    b. *Id-debilità permanenti allegatament sofferta minnu in segwitu għal dan l-inċident.*

6. *Illi d-danni pretiżi mir-rikorrent huma wkoll ikkontestati, u r-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova t-telf illi allegatament sofra in segwitu ta' dan l-inċident;*

7. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad ukoll illi fl-eventwalità li s-soċjetà Carmelo Caruana Company Limited fi kwalunkwe kapaċità u/jew CMA, CGM S.A. u/jew it-tnejn li huma jinstabu responsabbli għall-*

*allegati danni sofferti mir-rikorrenti, li fil-fehma tal-eċċipjenti m'għandux ikun il-każ, dawn is-soċjetajiet xorta waħda huma intitolati jillimitaw ir-responsabbilità tagħhom, u dan ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u senjatament il-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

Rat id-digriet tagħha tal-01 ta' Marzu, 2016 fejn għar-raġunijiet hemmhekk imfissra ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża tas-soċjetà estera **Alize 1957**.

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà msejħa fil-kawża **Alize 1957**, kumpannija rreġistrata ġewwa Franza, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà msejħa fil-kawża"), li ġiet ippreżentata fit-13 ta' April, 2016, u maħlufa minn Dottor Abigail Bugeja (K.I. 74986M) bħala mandatarju speċjali tal-istess, fejn eċċepiet:

1. *Illi s-soċjetà konvenuta Alize 1957 tirrespinġi t-talbiet tal-attur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hi qdiet l-obbligi tagħha b'mod diliġenti u ma aġixxietx b'nuqqas ta' diliġenza u prudenza kif allegat mill-attur. F'kull każ hija ċertament ma tistax tinstab responsabbli għall-imsemmi inċident;*
2. *Illi fil-mertu, l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort jew b'xi nuqqas tas-soċjetà esponenti, iżda tort tar-rikorrent stess u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u l-prassijiet normali ta' fuq ix-xogħol – u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
3. *Illi subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, apparti l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident, is-soċjetà esponenti qiegħda wkoll tikkontesta l-effett tal-ġrieħi u d-debilità permanenti illi allegatament ġarrab ir-rikorrent in segwitu għal dan l-inċident, u għaldaqstant ir-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova:*
    a. *Il-kawżalità bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-ġrieħi allegatament sofferti minnu; u*
    b. *Id-debilità permanenti allegatament sofferta minnu in segwitu ta' dan l-inċident.*

4. *Illi d-danni pretiżi mir-rikorrent huma wkoll ikkontestati, u r-rikorrenti għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova t-telf illi allegatament sofra in segwitu ta' dan l-inċident;*
5. *Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, u f'każ biss illi din il-Qorti ssib xi responsabbilità fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti, id-danni reklamati mill-attur huma limitati skont il-liġi, preċiżament skont il-Kapitolu 24 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan skont kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-każ.*
6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna ġiet ippreżentata mill-attur, ħaddiem tax-Xatt, wara inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tiegħu fil-port ta' Kalafrana, waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ħatt ta' *containers* minn fuq il-bastiment CMA CGM Titan*,* meta waqa' għoli ta' aktar minn sular, bir-riżultat li sofra ksur f'idejh u ġrieħi f'għajnejh. L-attur jgħid li dan l-inċident seħħ minħabba li s-soċjetajiet konvenuti, jew uħud minnhom, naqsu milli jipprovdu *a safe working*

*environment* għall-ħaddiema tax-Xatt, u aġixxew b'imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, partikolarment l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili u l-liġijiet li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur għadu jsofri minn diversi debilitajiet permanenti. L-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident li seħħ fil-15 ta' April, 2014, u qiegħed jitlob il-likwidazzjoni tad-danni kollha sofferti mill-attur, fosthom danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*.

Is-soċjetà konvenuta Malta Freeport Terminals Limited eċċepiet li hija m'għandha l-ebda tort jew xi forma ta' responsabbilità għall-inċident inkwistjoni u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur, u qiegħda tikkontesta kemm id-danni kif ukoll il-grad ta' diżabilità permanenti sofferta minnu.

Is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Limited f'isimha proprju eċċepiet li mhijiex leġittimu kontradittur u talbet li tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, peress li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika jew kontrattwali mal-attur. Il-konvenuti Carmelo Caruana Limited u Alize 1957 it-tnejn eċċepew li huma m'għandhom l-ebda responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur, u eċċepew ukoll li kien l-attur li naqas milli jħares ir-regolamenti dwar saħħa u sigurtà fil-post tax-xogħol tiegħu. Fi kwalunkwe każ, ġie eċċepit li d-danni qegħdin jiġu kkontestati u li jeħtieġ li jiġu ppruvati, bħalma jrid jiġi ppruvat ukoll in-ness ta' kawżalità bejn l-inċident u l-ġrieħi sofferti mill-attur.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attur ippreżenta kopja ta' dokument maħruġ mit-Taqsima tal-Ħaddiema tax-Xatt fi ħdan Transport Malta fit-3 ta' Novembru, 2014[1], li jgħid li l-attur irritorna lura fuq il-post tax-xogħol tiegħu fit-22 ta' Settembru, 2014, wara l-inċident li kien seħħ fil-15 ta' April, 2014. F'dan id-dokument jingħad ukoll li d-dħul gross li tilef l-attur bħala ħaddiem tax-Xatt kien ta' €54,122.71[2] (dan l-ammont ġie rivedut għal €49,912 fi stadju ieħor tal-ġbir ta' provi) għat-tul ta' żmien li fih hu ma rrapurtax għax-xogħol.[3]

L-attur ippreżenta wkoll kopji ta' irċevuti b'rabta ma' viżti mediċi li kellu jagħmel in segwitu għall-inċident[4], kif ukoll kopja ta' rapport li sar minn **Mr Jason Zammit**, *orthopaedic and trauma surgeon*[5], fejn ġie ikkonstatat li l-attur kellu inċident fuq il-post tax-xogħol fil-15 ta' April, 2014, meta waqa' minn għoli ta' madwar tliet metri. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur kellu jagħmel żewġ interventi kirurġiċi, u kellu wkoll jattendi għal diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija qabel seta' jerġa' jirritorna għax-xogħol. **Mr Jason Zammit** fir-rapport tiegħu kkonkluda li konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur sofra debilità permanenti ta' sebgħa fil-mija (7%) mil-lat ortopediku.[6] L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport li sar minn **Mr Thomas Fenech**, *consultant opthalmic surgeon*[7], li kkonkluda li b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti f'għajnejh fil-grad ta' ħamsa u

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] Dan l-ammont ġie rivedut għal €49,912 fi stadju ieħor tal-ġbir ta' provi.
[3] *A fol.* 5 tal-proċess.
[4] *A fol.* 6 u 7 tal-proċess.
[5] *A fol.* 8 tal-proċess. Id-data tar-rapport hija s-17 ta' Ġunju 2015.
[6] Fi kliem ix-xhud: *"Mr Gauci suffered a serious injury to his right wrist as a direct result of this incident. He is at a significantly increased risk of developing osteoarthritis in future which may well need further surgery. As a result his permanent disability is rated at 7%. He also seems to have sustained a serious injury to his eye, the disability of which needs to be added to the disability rating described."*
[7] *A fol.* 10 tal-proċess.

għoxrin fil-mija (25%). Mr Thomas Fenech qal li l-attur qiegħed isofri minn *whole body disability* ta' għaxra fil-mija (10%).

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2016, il-Qorti ħatret lil **Mr Ray Gatt** u fl-udjenza tas-06 ta' Ottubru, 2016 ħatret ukoll lil **Mr Mario Vella**, bħala esperti mediċi ġudizzjarji sabiex wara li jeżaminaw lill-attur jirrelataw dwar il-konsegwenzi mediċi tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess incident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti.[8]

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Roderick Gauci**[9] qal illi ilu jaħdem bħala ħaddiem tax-Xatt għal aktar minn għaxar snin, u xogħlu jinvolvi l-irbit u l-ħall ta' *containers* fuq il-vapuri, l-installazzjoni ta' *twist locks* fuq il-vapuri sabiex il-*containers* jikklippjaw ma' xulxin, kif ukoll is-sewqan ta' trakkijiet fil-Freeport fejn tinħatt u titgħabba l-merkanzija. L-attur żied jispjega li x-xogħol ta' ħatt u irbit ta' *containers* fuq il-vapuri jsir bejn żewġ ħaddiema sabiex dawn jassistu lil xulxin. Żied jgħid li l-istess tip ta' xogħol isir fuq ċiklu ta' ħmistax-il ġurnata, u li l-ħaddiema tax-Xatt jiġu infurmati minn qabel dwar liema tip ta' xogħol ikunu ser jiġu assenjati fi skeda partikolari. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hu kien qiegħed jagħmel xogħol magħruf bħala *lashing,* jiġifieri xogħol ta' ħall u irbit ta' *containers* fuq il-vapuri. L-attur spjega li f'kull *shift,* il-*foreman* inkarigat mill-Malta Freeport Terminals Limited jieħu ħsieb jassenja x-xogħol li jkun hemm lill-ħaddiema tax-Xatt, u żied jgħid li xogħol il-*foreman* ma jinvolvix li dan jitla' abbord il-bastiment sabiex jara jekk il-kundizzjonijiet abbord humiex tajbin biżżejjed biex il-ħaddiema jagħmlu x-xogħol tagħhom. L-attur qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien mar fl-uffiċċju tal-ħaddiema tax-Xatt ġewwa l-Freeport fejn jiġi assenjat ix-xogħol

[8] *A fol.* 41 tal-proċess.
[9] *A fol.* 45 tal-proċess.

mill-*foreman,* li dakinhar tal-inċident kien ċertu Omar Pisani. Qal li għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, daħal il-vapur CMA CGM Titan, li kellu bżonn jinħatt minħabba li l-*containers* li kien hemm fuqu kienu destinati għal Malta. Qal li l-*foreman* kien assenja diversi ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol, u huwa kien ġie pareġġat ma' ċertu Mark Busuttil sabiex ikun jista' jaħdem miegħu. L-attur spjega x-xogħol li kellu jagħmel sabiex ikun jista' jħoll il-*containers,* u żied jgħid li hekk kif ipprova jaqla' waħda mill-ħadidiet tal-*container* partikolari li kien qiegħed jaħdem fuqu, ħassu jaqa' lura bir-riżultat li baqa' nieżel għal isfel. L-attur qal li dan seħħ għax ma kien hemm l-ebda tip ta' ilqugħ bħala protezzjoni. Hu spjega li mal-waqgħa intilef minn sensih għal xi ħin, u wara ħass uġigħ kbir. Żied jgħid li hu tniżżel mill-vapur permezz ta' *stretcher,* ġo tip ta' gaġġa mdendla ma' *crane,* u wara ttieħed l-Isptar. L-attur qal li t-tobba li eżaminawh fl-Isptar Mater Dei kienu infurmawh li kien qiegħed isofri minn ksur f'idu l-leminija, u li kellu wkoll qasma f'għajnu tal-lemin għax kien intlaqat il-muskolu t'għajnu l-leminija. L-attur qal li kien sar intervent kirurġiku fuq idu l-leminija, fejn iddaħħallu ħadid u xi viti, u t-tobba kienu qalulu li l-ħsara li sofra fil-muskolu t'għajnu l-leminija ma setgħetx titranġa. Żied jgħid li xi żmien wara l-ewwel intervent, kellu bżonn intervent ieħor minħabba kumplikazzjonijiet li nqalgħulu. L-attur qal li wara l-inċident huwa spiċċa tilef parti mill-vista, u baqa' jħoss uġigħ kontinwu u sensazzjoni ta' nefħa fuq l-għajn affettwata. Qal ukoll li wara l-inċident, huwa għad għandu limitazzjonijiet fl-użu ta' idu. L-attur qal li l-inċident inkwistjoni seħħ għaliex meta l-bastiment daħal Malta, dan kellu diversi nuqqasijiet, fosthom nuqqas ta' lqugħ, kif ukoll l-attitudni ta' xejn mhu xejn tal-membri tal-ekwipaġġ fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jitilgħu jaħdmu abbord.[10]

[10] Fi kliem l-attur: "għandi ngħid li, minn mindu seħħ l-inċident tiegħi, tranġaw ħafna l-affarijiet ġewwa l-Freeport. Għalkemm għadna niltaqgħu ma' sitwazzjoni fejn il-bastimenti jaslu Malta b'ħafna nuqqasijiet, bħal ma fil-fatt ġara fil-każ

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' *accident report* bin-numru ta' referenza 237/14 rigward l-inċident li kien involut fih, li jinkludi sensiela ta' ritratti tal-post fejn seħħ l-inċident.[11]

Permezz ta' nota tat-13 ta' Ġunju, 2016, l-attur ippreżenta l-*affidavit* ta' **Mark Busuttil**[12], li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *lashing* flimkien mal-attur dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni. Dan ix-xhud speċifika li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ ġewwa l-Freeport, Kalafrana, u dakinhar kien qiegħed jaħdem b'sistema ta' *buddy* mal-attur, Roderick Gauci. Ix-xhud qal li dakinhar il-*foreman* Omar Pisani kien talabhom iħottu l-*containers* li kien hemm fuq il-vapur CMA CGM Titan li kienu destinati għal Malta, u minkejja li x-xogħol sar minn numru akbar ta' ħaddiema, kull grupp ta' żewġ ħaddiema ingħata *bay* li kellu jaħdem minnha. Żied jgħid li hu u l-attur messhom iħottu l-*containers* li kienu fin-naħa ta' quddiem tal-vapur. Ix-xhud qal li la l-*foreman* u lanqas l-uffiċjali tal-Freeport ma jitilgħu fuq bastiment sabiex jaraw x'tip ta' kundizzjonijiet hemm abbord qabel jagħtu struzzjonijiet speċifiċi lill-ħaddiema. Spjega li fil-ħin meta seħħ l-inċident, hu kien qiegħed jagħmel xogħol ta' qtugħ, filwaqt li l-attur kien qiegħed iħoll il-kamin tal-*bottle screw* u jniżżel il-ħadid mill-*container.* Qal li kienu għadhom fil-bidu tal-proċess tal-ħatt, meta f'ħin minnhom sema' ħoss għax l-attur kien waqa' għal isfel bil-ħadida b'kollox. Ix-xhud qal li l-attur kien waqa' għoli ta' madwar sular. Żied jgħid li l-ilqugħ fil-post fejn kienu qegħdin jaħdmu hu u l-attur, kien imwaħħal minn naħa waħda biss. L-attur spjega illi:

---

tiegħi, inkluż nuqqasijiet li wasslu għall-inċident tiegħi riżultat tan-nuqqas ta' ilqugħ, illum il-ġurnata ħarġet direttiva li dak ix-xogħol m'għadniex nagħmluh. Iżda fiż-żmien li seħħ l-inċident, konna kostretti li naħdmu anke jekk l-aspetti ta' saħħa u sigurtà ma kinux *in order;* anzi, jekk konna nazzardaw illi ma nagħmlux ix-xogħol, konna nispiċċaw naqilgħu rapport kontrina li aħna waqqafna x-xogħol bil-konsegwenza li nittellgħu bord. Inżid ngħid ukoll li l-ekwipaġġ ta' fuq il-vapur huwa nieqes għal kollox mill-kwalità, fejn jaħdmu b'attitudni ta' xejn mhu xejn; għalhekk, f'bosta okkażjonijiet, inkluż dak fejn weġġajt jien, niltaqgħu ma' diversi nuqqasijiet anke għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema."

[11] *A fol.* 48 tal-proċess.

[12] *A fol.* 58 tal-proċess.

> "... l-iskop ta' dan l-ilqugħ huwa proprju sabiex jevita inċident bħal ma kellu Roderick u ċioé li jżommna milli naqgħu għal isfel u dan minħabba li, fix-xogħol tagħna ta' *lashing,* inkunu qed nagħmlu moviment b'ċertu saħħa (minħabba il-piż tal-ħadid). Ngħid ukoll illi l-ispazju li għandna sabiex naħdmu huwa wieħed limitat ħafna, mhux aktar minn pied u nofs."

Ix-xhud qal li immedjatament wara l-inċident l-attur intilef minn sensih, u ftit ħin wara waslet ambulanza li ħaditu l-Isptar. Ix-xhud li bħala regola il-membri tal-ekwipaġġ fuq il-vapuri ma jagħtux kas tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jitilgħu jaħdmu abbord, u qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, kien hemm id-drawwa fost il-ħaddiema tax-Xatt, li anki jekk jaraw il-periklu, jibqgħu jaħdmu sabiex ix-xogħol ma jiqafx. Qal li r-riskju li kien ikun hemm abbord dejjem kien jinġarr mill-ħaddiema, u lanqas kien hemm sistema fejn il-*foremen* jitilgħu abbord sabiex jaraw is-sitwazzjoni fuq il-vapur kif tkun, u jekk kienx ikun hemm xi periklu għall-ħaddiema. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li wara li seħħ l-inċident, il-ħaddiema tax-Xatt ingħataw direttiva sabiex jekk jaraw li s-sitwazzjoni abbord jkun hemm xi periklu għalihom, jirrifjutaw li jaħdmu.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016 xehed **Jeffrey Busuttil**, li qal li hu responsabbli mir-riżorsi umani ġewwa Transport Malta, u f'dan ir-rwol jaħdem mill-qrib mat-taqsima tar-riżorsi umani tal-ħaddiema tax-Xatt.[13] Ix-xhud qal li l-ħaddiema tax-Xatt huma grupp ta' nies li joħorġu għax-xogħol skont skedi li jaqgħu taħt il-kontroll tal-uffiċċju tal-*Manager Port Workers.* Qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-attur kien assenja sabiex jaħdem fil-Malta Freeport Terminals. Ix-xhud spjega li meta ħaddiem tax-Xatt iweġġa' dan jingħata *insurance cover* żgħira ta' €37.50 kuljum, u tul il-perijodu ta' żmien meta l-attur kien nieqes mix-xogħol, dan tilef introjtu totali ta'

[13] *A fol.* 65 tal-proċess.

€54,122.71, u sussegwentement dan l-ammont ġie rivedut għal €49,912. Ix-xhud spjega li biex inħadmet din is-somma, sar eżerċizzju komparattiv ma' dak li qalgħu ħaddiema oħra tax-Xatt fl-istess perijodu.[14] Ix-xhud qal ukoll li għall-perijodu ta' żmien meta l-attur ma rrappurtax għax-xogħol, dan ġie eskluż mir-*roster* tal-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud ippreżenta diversi dokumenti in konnessjoni mal-introjtu li kellu l-attur minn żmien għal żmien.[15]

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016 xehed **Eric Cutajar**[16], rappreżentant tal-ħaddiema tax-Xatt dwar is-saħħa u s-sigurtà, li qal li dakinhar li seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, kollega tiegħu Ryan Fava, kien tela' abbord u ħa xi ritratti sabiex iħejji rapport dwar id-dinamika tal-inċident. Ix-xhud qal li mil-lat ta' saħħa u sigurtà kien hemm xi nuqqasijiet abbord, u anki mir-ritratti jirriżulta li kien hemm *wire rope* li ma kienx f'postu. Qal li dan il-*wire rope* kellu l-iskop li jassigura li l-ħadid ma jaqax fuq min ikun qiegħed jaħdem taħt, u kien hemm tul ta' aktar minn żewġ metri fejn dan il-*wire rope* ma kienx f'postu. Ix-xhud spjega li l-*containers* ikunu mwaħħlin ma' xulxin permezz ta' *twist locks,* u żied jgħid li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *lashing,* li jinvolvi virga b'ganċ li jiġbed bi speċi ta' żennuna ħierġa 'l barra li permezz tagħha beda jiftaħ it-*twist lock.* Qal li jekk dan ma jinfetaħx, il-*container* ma jkunx jista' jinqala'. Ix-xhud qal li x-xogħol jinvolvi li l-ħaddiem iżomm il-virga li tkun twila erbatax-il pied, iħares 'il fuq biex jaċċerta ruħu li l-ganċ ikun daħal fil-*buckle,* u wara jiġbed 'l isfel fil-ġenb biex jillokkja t-*twist lock.* Ix-xhud spjega li dan ix-xogħol fih il-perikli tiegħu minħabba fir-riskju li l-

[14] Fi kliem ix-xhud, "Ix-xogħol tal-*Finance Department* tagħna huwa li naraw xi jkun daħal f'dak il-perijodu meta huwa assenti minħabba korriment fuq ix-xogħol u jagħmlu *comparison of wages* u jikkumparaw il-paga tiegħu ma' wieħed li jkun qrib tiegħu li ġeneralment ikun jaħdem miegħu hu. Huma jistgħu jaħdmu ma' kulħadd għax qed ngħidlek, ir-*roster* tagħhom hija waħda omoġenja u jista' jinqabad xogħol kullimkien dan. il-Port Worker ma jistax jirrifjuta xogħol. L-Ordinanza tistipula li jrid imur jaħdem fejn jibagħtu l-*manager* tal-Port Workers, skont l-esiġenza tal-portijiet ta' Malta."
[15] *A fol.* 70 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 76 tal-proċess.

*container* ma jinqalax faċilment, jew minħabba qtugħ min-naħa minn fejn il-ħaddiem ikun qiegħed jiġbed. Ix-xhud qal li r-rapport dwar in-nuqqasijiet abbord u dwar l-inċident inkwistjoni, sar min-naħa tal-Freeport. Qal li l-uffiċjali tas-saħħa u s-sigurtà jitilgħu abbord biss meta jkun hemm xi ilment dwar xi periklu li jkollhom jiffaċċjaw il-ħaddiema. Ix-xhud qal li l-ħaddiema tax-Xatt jingħataw taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà tagħhom u ta' sħabhom fuq il-post tax-xogħol, iżda żied jgħid ukoll li minħabba l-volum u r-ritmu tax-xogħol, mhux dejjem ikun possibbli li wieħed jifli bir-reqqa l-post fejn ikun mistenni jaħdem. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-ħaddiema tax-Xatt huma mistennija jagħmlu rapporti fejn jidhrilhom li l-kundizzjonijiet abbord ma jkunux iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom, fil-każ inkwistjoni ma jirriżultalux li sar xi rapport. Żied jgħid li huwa rappreżentant tal-ħaddiema, u jintervjeni biss meta jsir xi ilment. Ix-xhud qal ukoll li l-entità li hija responsabbli biex tassigura li l-ambjent tax-xogħol fuq il-bastiment huwa wieħed sikur, hija l-Malta Freeport Terminals Limited.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru 2016, sar il-kontroeżami tax-xhud **Jeffrey Busuttil**[17], li qal li wara li għamel il-verifiki tiegħu rriżultalu li l-attur kien tilef dħul gross ta' disgħa u erbgħin elf, disa' mija u tnax-il Euro (€49,912). Ix-xhud esebixxa wkoll kopji tal-*payslips* ta' terzi persuni ħaddiema tax-Xatt li sar l-eżerċizzju komparattiv magħhom. Ix-xhud ikkonferma li għajr għall-ħlas ta €37.50 kull jum waqt li kien nieqes mix-xogħol, l-attur ma kellu l-ebda kopertura oħra jew dħul ieħor fil-perijodu li ma kienx qiegħed jirrapporta għax-xogħol.[18]

---

[17] *A fol.* 90 tal-proċess.
[18] Dokumenti esebiti *a fol.* 92 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 2017, xehed **l-Inġinier Ray Fava**, *shop steward* u president tal-Malta Dockers Union, li f'dan ir-rwol jirrappreżenta lill-ħaddiema tax-Xatt.[19] Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien jaħdem bħala *health and safety representative* tal-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud qal li x-xogħol fil-Freeport huwa xogħol perikoluż ħafna għax jinvolvi l-użu ta' inġenji kbar, u qal li tul is-snin kien hemm diversi kwistjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'dan il-post tax-xogħol partikolari. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kienet għadha ma titteħidx daqshekk bis-serjetà fil-Freeport. Ix-xhud spjega li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ħatt tal-*containers* li kien hemm fuq il-vapur li fuqu seħħ l-inċident inkwistjoni, li huwa wieħed mill-akbar vapuri li għandha l-kumpannija CMA CGM. Qal ukoll li qabel ma l-ħaddiema tax-Xatt jitilgħu fuq bastiment, ma jitla' ħadd mill-uffiċjali tal-Freeport abbord sabiex jara kif ikunu l-kundizzjonijiet fuq il-bastiment mil-lat ta' saħħa u sigurtà u l-*foreman* iqassam ix-xogħol wara li jikkonsulta mal-pjanta tal-vapur fuq il-kompjuter. Ix-xhud qal li dan l-inċident seħħ għax wieħed mill-*wires* li ried iqabbad magħhom l-attur kien illaxka.[20] Ix-xhud qal li dan l-inċident seta' jiġi evitat. Ix-xhud qal li mill-kalkoli tiegħu l-attur kien waqa' għoli ta' madwar żewġ metri jew żewġ metri u nofs. Żied jgħid li l-ħaddiema kollha jingħataw ilbies protettiv, fosthom żarbun, u flokk b'kulur jgħajjat minflok *high visibility vest* li jekk jintlibes biex isir ix-xogħol li kien qiegħed isir mill-attur, jista' jkun perikoluż għax faċilment jista' jinqabad mal-vireg li jkunu qegħdin jinħattu. Ix-xhud qal ukoll li l-ħaddiema kollha jingħataw

---

[19] *A fol.* 139 tal-proċess.

[20] Fi kliem ix-xhud: "il-*catwalk* tkun mgħammra b'*safety line.* Is-*safety line* ikun preferibbilment għax aħna ma bqajniex naċċettaw il-ħabel għax il-ħabel jilloosinja ħafna, fejn dan is-*safety line* ikun tela' tal-azzar. Ħalli jkun jista' jitla' bħala puġġaman, biex niftiehmu. Jiena li nnotajt li s-*safety line,* ikollok żewġ tipi ta' *safety lines* bħal ma nibnu l-*iscaffoldings* u skont il-liġi, irid ikollna l-parti ta' isfel sa fejn il-qasba tas-sieq u jkollok l-ilqugħ sal-qadd ħalli inti jkollok *support.* Il-parti ta' fuq ta' dan is-*safety line* kien maqlugħ, ma kienx imqaċċat. Kien maqlugħ. ..."

*harness* sabiex ikunu jistgħu jaħdmu, iżda dan it-tagħmir ma jintużax għat-tip ta' xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur dakinhar tal-inċident. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li n-natura tax-xogħol fil-Freeport titlob speditezza u li x-xogħol isir b'ħeffa. Ix-xhud esebixxa sensiela ta' ritratti li ħa wara li seħħ l-inċident inkwistjoni.[21]

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Ray Gatt** fir-rapport tiegħu[22] jiddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident skont dak li qallu l-attur. Mr. Gatt qal li l-attur kien qiegħed fuq vapur iħoll xi xogħol, meta waqt li kien qiegħed iħoll ħadida partikolari, waqa' lura għoli ta' sular, u ġie għal rasu u ntilef minn sensieh għal xi ħin. Ix-xhud stabbilixxa li l-attur kellu ksur fil-polz kif ukoll f'wiċċu madwar għajnu tal-lemin, u wara li dan iddaħħal l-isptar, kellu bżonn intervent minħabba fil-ksur li sofra. Ix-xhud żied jispjega li wara l-inċident, l-attur għadu jsofri minn uġigħ madwar il-polz tal-lemin, u li minkejja li kellu intervent kirurġiku u rkupra minn dan l-inċident, għad għandu limitazzjonijiet f'ċertu movimenti tal-polz. L-espert mediku ġudizzjarju Mr Gatt kkonstata li l-attur għadu jsofri minn debilità permanenti fil-grad ta' tnejn fil-mija (2%).

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Mario Vella** fir-rapport tiegħu[23] qal li l-attur sofra debilità permanenti f'għajnu tal-lemin, liema debilità permanenti hija fil-grad ta' għaxra fil-mija (10%).[24]

Il-kontroeżami tax-xhud **Ryan Fava** sar waqt l-udjenza tal-11 ta' April, 2017[25], fejn qal li huwa kien għamel kors ta' taħriġ sabiex seta' jkun *health and safety*

---

[21] *A fol.* 145 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 151 tal-proċess.
[23] *A fol.* 153 tal-proċess.
[24] Fi kliem l-espert Mr. Mario Vella: *"... it is clear that the patient sustained a permanent damage to the right optic nerve with impinges on the central part of vision leaving him with poor Visual Acuity in this right eye. This gives him problems with stereopsis and patient has some difficulties with calculating depth of field."*
[25] *A fol.* 161 tal-proċess.

*representative* tal-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud ippreżenta sensiela ta' ritratti sabiex jindika l-post fuq il-vapur fejn kien qiegħed isir ix-xogħol mill-attur[26], u spjega li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attur kien qiegħed jiftaħ il-virga, jew it-*twist lock* tal-*containers.* Żied jgħid li minn dak li seta' jara huwa meta mar fuq il-post tal-inċident, l-attur ma setax ikun jaf jekk il-*wire rope* li kellu jservi bħala *hand rail* kienx adegwat għax-xogħol li kellu jsir minnu, u li s-*safety line* li kien jasal sal-għoli tal-pexxul kien qiegħed f'postu, imma s-*safety line* li jasal sal-qadd ma kienx. Ix-xhud qal ukoll li huwa jaf kif jaħdem l-attur, u li huwa jafu bħala bniedem prattiku f'xogħlu. Żied jgħid li l-ħaddiem tax-Xatt għandu ħin qasir li fih irid jlesti x-xogħol tiegħu. Qal ukoll li l-ħaddiema tax-Xatt ma jingħataw l-ebda taħriġ speċifiku dwar kif għandhom jaħdmu fil-port. Ix-xhud qal li meta persuna tibda taħdem ix-Xatt tintuża sistema magħrufa bħala *buddy system,* fejn ħaddiem ġdid jitpoġġa jaħdem ma' xi ħadd li jkollu l-esperjenza fix-xogħol. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, dan ix-xhud qal li huwa diffiċli ħafna għal ħaddiem li jinduna li s-*safety line* huwa nieqes jew li mhux wieħed adegwat. Ix-xhud kompla jgħid li huwa ngħata ċ-ċans jitla' abbord biex janalizza s-sitwazzjoni wara li seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, imma ma teżisti l-ebda prassi li qabel jibda x-xogħol fuq vapur jitilgħu xi uffiċjali jew xi rappreżentanti tal-ħaddiema jiċċertifikaw li l-vapur huwa sigur biex isir ċertu xogħol fuqu.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Mr Thomas Fenech**[27], li spjega li huwa speċjalista tal-għajnejn, u kien eżamina lill-attur fl-14 ta' Novembru, 2016, għalkemm kien rah ukoll drabi oħra qabel. Żied jgħid li kien wara l-eżami tal-14 ta' Novembru, 2016, li seta' jistabbilixxa li l-problema

[26] *A fol.* 176 u 177 tal-proċess.
[27] *A fol.* 197 tal-proċess.

li għandu l-attur hija waħda ta' natura permanenti. Ix-xhud spjega n-natura tal-ġrieħi li sofra l-attur f'għajnejh b'dan il-mod:

> "Aħna ngħidulha *traumatic optic atrophy* jiġifieri meta n-nerv ikollu daqqa sew, in-nerv jibda jmut u jkun *followed with optic atrophy* u jien meta rajtu kellu *optic atrophy as a result of the optic neuropathy,* jiġifieri n-nerv sar abjad u ma jiffunzjonax sew u *the best vision* li stajt inġib mingħandu kienet 6-60. 6-60. Iġifieri jista' jaqra l-akbar ittra fuq iċ-*chart* li aħna nużaw biex nassessjaw il-*vision. So the vision is very poor in that eye, central vision.* Għalkemm *he did maintain some useful peripheral vision* u għalhekk jien kont għidt li dan jista' jibqa' jsuq u jista' jibqa' jaħdem f'ċertu xogħol u jiena tajtu infatti jekk bħala *visual disability* tajtu ... *permanent* u tajtu grad ta' 20% *visual disability.* Imma kif tafu intom, meta inti titlef ċertu ammont ta' *vision, it's quite highly on whole body disability* u hu infatti *whole body disability* huwa 10%. Ma tajtux *the full amount* għax *he did not lose his eye completely* u jiena ħdimt *with the American Calculation Association grading of disabilities* u r-riżultat kien peress li kien għad kellu *some useful peripheral vision, it gave a ten percent whole body disability just from an eye point of view,* jiġifieri mill-punt tiegħi."

Ix-xhud żied jgħid li ċ-ċans li l-kundizzjoni ta' saħħet l-attur titranġa fil-futur qarib huwa żgħir ħafna, għalkemm qal li fuq medda twila ta' snin jista' jkun hemm avvanzi fil-mediċina li bis-saħħa tagħhom il-kundizzjoni tal-attur titjieb. Żied jispjega li m'hemm l-ebda impjant jew xi tip ta' intervent kirurġiku li jista' jsir fuq l-attur fil-preżent biex il-kundizzjoni tiegħu titjieb. Kompla jgħid li s-sitwazzjoni ta' saħħet l-attur ma tistax titranġa waħehda, u fil-preżent ma jeżistux trattamenti li jistgħu jindirizzaw il-problema tiegħu b'mod effettiv. Qal ukoll li minkejja li hemm possibilità li l-ġrieħi li sofra l-attur mhumiex riżultat dirett tal-inċident li kellu, is-sejbiet tiegħu f'dan ir-rigward huma ferm kompatibbli mal-inċident li kellu l-attur.[28]

[28] Fi kliem ix-xhud: "*the injury is compatible with the findings* u l-*findings* kellu *a nerve involved which was swollen and not pale at the time* u jekk tażaminah illum, in-nerv huwa pallidu. Jiġifieri *the pattern was very typical of a traumatic optic."*

Waqt l-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Mr Jason Zammit**[29], li qal li huwa speċjalizzat fil-qasam tal-ortopedija, u żied jgħid li l-ewwel darba li eżamina lill-attur kien fis-17 ta' Ġunju, 2015. Qal li mill-eżami tiegħu kien ikkonkluda li l-attur ser jibqa' jbati minn diżabilità permanenti, minħabba li l-attur ma jistax jagħmel *grip* bis-saħħa ta' mija fil-mija bl-id id-dominanti tiegħu, u għandu nuqqas ta' flessjoni u devjazzjoni ulnari fil-polz tal-lemin, li jfisser li l-moviment tiegħu huwa kemmxejn limitat. Ix-xhud spjega li filwaqt li l-inċident inkwistjoni kien seħħ fil-15 ta' April, 2014, kien ħalla xi żmien jgħaddi qabel għamel l-eżami tal-attur u ħareġ ir-rapport tiegħu, peress li ried jistabbilixxi li d-debilità li qiegħed isofri minnha l-attur hija waħda permanenti. Ix-xhud qal li d-debilità partikolari li qiegħed isofri minnha l-attur tista' taffettwah fix-xogħol, peress li ix-xogħol tiegħu jinvolvi l-issikkar ta' turnaviti, viti u xogħol ta' tagħbija b'mod regolari. Ix-xhud speċifika wkoll li sabiex wasal għal rata ta' debilità permanenti ta' sebgħa fil-mija (7%) f'dan il-każ, huwa kkonsidra wkoll liema hi l-id dominanti tal-attur, għalkemm f'dan il-każ naqas li jniżżilha fir-rapport tiegħu.

Permezz ta' nota maħlufa ippreżentata fis-17 ta' Awwissu, 2017[30], iż-żewġ esperti mediċi ġudizzjarji, **Mr Ray Gatt** u **Mr Mario Vella**, ikkonfermaw li l-*weighted average* ta' diżabilitajiet permanenti li setgħu jikkonstataw wara li eżaminaw lill-attur huwa ta' tnax fil-mija (12%).

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Doris Sant Cassia**, mill-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attur.[31]

---

[29] *A fol.* 204 tal-proċess.
[30] *A fol.* 218 tal-proċess.
[31] *A fol.* 220A *et seq.* tal-proċess.

Fuq talba li saret mill-partijiet għall-ħatra ta' esperti mediċi ġudizzjarji addizzjonali, permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2017 ġew maħtura **Mr Fredrick Zammit Maempel**, **Mr Carmel Sciberras** u **Mr Anthony Bernard** bħala esperti ortopediċi ġudizzjarji addizzjonali.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018 xehed **Darren Zahra**, impjegat mas-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited bħala *senior agency manager,* li qal li huwa jagħmel xogħol ta' superviżjoni mas-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited. Ix-xhud spjega li l-kumpannija li jaħdem magħha m'għandha l-ebda relazzjoni mal-ħaddiema tax-Xatt, u din il-kumpannija titqabbad bħala aġent mil-linja tal-baħar. Qal li meta l-kumpannija li jaħdem magħha jkollha bżonn ħaddiema tax-Xatt sabiex jaħdmu abbord, il-ħaddiema jinqalgħu min-naħa tal-Freeport. Qal li bħala aġenti ta' bastiment, ix-xogħol tas-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited jinvolvi li l-port jiġi avżat bil-wasla ta' vapur, li jsir l-ipproċessar tad-dokumentazzjoni mal-awtoritajiet Maltin, li jaraw li jiġi assenjat moll, li jaqilgħu l-pilotaġġ u l-laneċ, u f'każ li jkun hemm merkanzija li trid tinħatt jew titgħabba jkun hemm drabi fejn il-listi ta' merkanzija jsiru minnhom. Ix-xhud qal li minkejja li jkun hemm drabi fejn rappreżentanti tal-kumpannija li tkun l-aġent tal-vapur, jitilgħu abbord, huma ma jidħlux fi kwistjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jew mal-manutenzjoni tal-vapur. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-kumpannija li jaħdem magħha tipprovdi ilbies protettiv lill-ħaddiema tagħha, iżda ma jafx min jipprovdi t-tagħmir protettiv lill-ħaddiema tax-Xatt.

Waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Mark Busuttil**[32], li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *buddy* mal-attur fil-ħin meta seħħ l-inċident.

[32] *A fol.* 312 tal-proċess.

Ix-xhud qal li x-xogħol jitqassam lill-ħaddiema tax-Xatt mill-*foreman* tal-Freeport. Ix-xhud qal li meta huwa u l-attur telgħu fuq il-vapur ma raw xejn li seta' jkun ta' periklu għalihom, u żied jgħid li l-vapur inkwistjoni kien wieħed ġdid, u għalhekk ma basrux li dan setgħu jkollu xi nuqqasijiet li jqegħduhom fil-periklu. Ix-xhud ikkonferma li nduna li kien hemm parti mill-ilqugħ tal-vapur li kienet maqlugħa, wara l-waqgħa tal-attur u mhux qabel.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tal-11 ta' April, 2018[33], li qal li l-ħaddiema tax-Xatt jingħataw ix-xogħol mill-*foreman* li jkun ingaġġat mill-Freeport. L-attur qal li fil-ħin meta seħħ l-inċident, huwa kien qiegħed iħoll il-viti permezz ta' ħadida, meta f'ħin minnhom mar lura u waqa' għal isfel. L-attur qal li qabel seħħ l-inċident, ma kienx induna li fuq il-vapur kien hemm xi nuqqasijiet, u qal li hu u l-kollega tiegħu telgħu abbord mill-art, u għalhekk kien aktar diffiċli għalihom li jindunaw jekk kienx hemm xi nuqqasijiet. L-attur qal ukoll li l-Freeport qatt ma ta struzzjonijiet lill-ħaddiema tax-Xatt biex jiċċekkjaw il-bastiment qabel jitilgħu jagħmlu x-xogħol fuqu. L-attur żied jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien liebes it-tagħmir protettiv kollu pprovdut lilu. L-attur ikkonferma li fiż-żmien meta ma kienx qiegħed jirrapporta għax-xogħol, kien qiegħed jirċievi benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif ukoll xi flus addizzjonali mill-kopertura tal-assigurazzjoni tal-ħaddiema tax-Xatt. L-attur qal li llum il-ġurnata l-kwistjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema qegħdin jittieħdu b'aktar serjetà, u jkun hemm drabi fejn jinforma lill-*foreman* li ma jistax jagħmel ix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel għax jara li fuq il-bastiment ikun hemm ċertu periklu. Dwar id-dinamika tal-inċident, l-attur spjega li huwa kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *lashing* b'dahru lejn ir-*railing,* meta għamel pass lura u waqa' għal isfel. Żied jgħid li

[33] *A fol.* 325 tal-proċess.

b'mod ġenerali l-ekwipaġġ tal-vapuri ma tantx jagħti kas is-saħħa u s-sigurtà abbord, għalkemm qal ukoll li f'dan il-każ ma jistax jgħid l-attitudni tal-membri tal-ekwipaġġ kif kienet, peress li l-inċident inkwistjoni seħħ madwar għoxrin minuta wara li huwa tela' abbord.

Fil-31 ta' Jannar, 2018, ġie ppreżentat ir-rapport redatt mit-tliet esperti mediċi addizzjonali **Mr Anthony Bernard**, **Mr Carmel Sciberras** u **Mr Frederick Zammit Maempel**[34], li eżaminaw lill-attur fit-22 ta' Jannar, 2018, jiġifieri erbgħa u erbgħin (44) xahar wara l-inċident. Dawn l-esperti mediċi addizzjonali kkonstataw li l-attur ġarrab ksur serju fil-polz ta' idu l-leminija, liema ksur ġie ttrattat b'operazzjoni, u minkejja li l-ksur għaqad, xorta waħda l-attur għadu jsofri minn restrizzjonijiet fil-moviment, li qiegħed jaffettwalu l-funzjoni tal-id dominanti tiegħu. L-esperti mediċi ġudizzjarji addizzjonali kkonkludew ukoll li l-ksur kien jinvolvi l-wiċċ tal-ġog, u għalhekk hemm il-probabbilità kbira li fil-futur l-attur jiżviluppa artrite f'dan il-ġog partikolari. Kien in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-esperti mediċi ġudizzjarji addizzjonali waslu għall-konklużjoni li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' sebgħa fil-mija (7%) b'riżultat tal-inċident. Huma ppreċiżaw ukoll li dan il-grad ta' debilità ma jieħux konsiderazzjoni tal-feriti li l-attur ġarrab fuq il-ħaġeb t'għajnejh il-leminija.

Permezz ta' nota tal-10 ta' Ottubru, 2018, is-soċjetà estera msejħa fil-kawża **Alize 1957**, sid il-bastiment CMA CGM Titan li fuqu seħħ l-inċident mertu tal-kawża**,** ippreżentat kopja tar-rapport redatt mill-**Kaptan Joseph De Gabriele**[35], kif ukoll l-*affidavit* taċ-*Chief Officer* tal-bastiment **Teo Motusic**. Ir-rapport tal-Kaptan Joseph De Gabriele ġie kkompilat dakinhar stess li seħħ l-inċident, fuq

[34] *A fol.* 347 tal-proċess.
[35] *A fol.* 356 tal-proċess.

struzzjonijiet mogħtija mill-*Master* tas-CMA CGM Titan. Ix-xhud qal li meta tela' fuq il-bastiment seta' jikkonstata li l-bastiment kien għadu relattivament ġdid, u kien miżmum fi stat tajjeb ħafna. B'riferiment għall-*wire* li nstab imdendel fuq il-*lashing bridge,* il-Kaptan De Gabriele fir-rapport tiegħu kiteb:

> *"The chief officer could not explain why the top wire on the hand rail (in way of stack 14 forward of Bay 01) was found hanging on the lashing bridge. He stated that around 15 March 2014, he had instructed the deck fitter to check all lashing bridge hand rails in the forward part of the ship, the result of which inspection was confirmed satisfactory. This particular inspection was not formally recorded anywhere nor was it prompted by the ship's planned maintenance system but rather, it was done under the Chief Officer's own initiative as part of his preparations before the Ship's planned calls to several North European ports.*
>
> *There had been no complaints registered during the Ship's calls in any of the North European ports called at."*

Il-Kaptan De Gabriele qal li għadd ta' xhieda okulari li kienu abbord, kienu nfurmawh li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attur u sħabu li kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' ħatt, ma kinux lebsin ilbies protettiv. Ix-xhud ħa ukoll ritratti ta' għadd ta' persuni li assuma li kienu burdnara, li ma kinux lebsin ilbies protettiv. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, ix-xhud qal li s-CMA CGM Titan huwa bastiment organizzat u miżmum fi stat ta' manutenzjoni tajba, għalkemm żied jgħid li huwa possibbli li l-attur waqa' minn fuq il-*lashing bridge* f'Bay 01 waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ħatt ta' *containers.* Il-Kaptan Gabriele qal li l-attur seta' ma kienx liebes ilbies protettiv, u qal li fil-fehma tiegħu, li kieku l-attur kien liebes imqar l-elmu protettiv, l-effetti ta' dan l-inċident kienu jkunu inqas severi.

Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud **Teo Motusic**[36], *chief officer* tal-bastiment CMA CGM Titan, li fuqu seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ikkonferma li l-

[36] *A fol.* 374 tal-proċess.

inċident seħħ waqt li l-bastiment inkwistjoni kien sorġut fil-Freeport f'Marsaxlokk, u żied jgħid li ħadd mill-membri tal-ekwipaġġ ma ra l-inċident iseħħ. Ix-xhud qal li l-inċident seħħ ftit mumenti biss wara li hu kien niżel mill-*bridge* tal-bastiment, u kien il-*port safety officer* li nforma lill-membri tal-ekwipaġġ bl-inċident. Ix-xhud qal li meta hu mar fil-post fejn seħħ l-inċident, seta' jara d-demm mal-art kif ukoll il-*wire* maqlugħ, u dak il-ħin stess talab lill-membri tal-ekwipaġġ biex isewwu l-ħsara. Qal li ma kien hemm xejn irregolari fil-*lashing bridge,* jew fil-*hand rail* tal-*bridge,* u spjega li:

> *"I must state that there was nothing irregular about the lashing bridge or the hand rail on the bridge. The hand rail is designed to have openings in order to allow additional access to the lashing bridge from multiple points. The wire rope was stretched across one of the openings, but is not intended to be climbed upon or leaned against."*

Ix-xhud żied jgħid li qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hu kien ordna li ssir spezzjoni tal-*hand rails* ta' fuq il-*lashing bridge,* bħala parti mill-preparazzjonijiet meħtieġa qabel ma l-vapur jidħol f'diversi portijiet Ewropej, u huwa kien sodisfatt bid-diversi spezzjonijiet li kienu saru fuq il-vapur. B'żieda ma' dan, ix-xhud qal ukoll li kemm hu kif ukoll il-membri kollha tal-ekwipaġġ jagħmlu *safety drill* kull filgħodu sabiex jaċċertaw irwieħhom li l-kundizzjonijiet abbord huma siguri għal kull min ikollu jaħdem fuq il-bastiment, u dan is-*safety drill* jiġi reġistrat fil-*log book* tal-vapur. Ix-xhud kompla jgħid li mal-wasla tal-bastiment fil-port ta' Marsaxlokk, dan ġie ċċertifikat li huwa sigur biex jitilgħu l-burdnara jaħdmu fuqu. Ix-xhud qal li lilu rriżultalu li l-attur tela' abbord minn fuq *shore crane.* Qal ukoll li hu nnota li l-burdnara li jaħdmu fix-Xatt ta' Marsaxlokk ma josservawx ir-regoli bażiċi ta' saħħa u sigurtà, u diversi drabi huwa kien rahom mhux lebsin ilbies u tagħmir protettiv. Ix-xhud

esebixxa għadd ta' dokumenti rigward id-diversi programmi ta' manutenzjoni li jsiru fuq il-bastiment.[37]

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018, xehed **il-Kaptan Joseph De Gabriele**[38], li qal li ilu diversi snin jaħdem bħala kaptan tal-vapuri, u jagħmel xogħol ta' konsulenza marittima, kif ukoll investigazzjonijiet u konsulenzi dwar inċidenti. Qal li huwa kien intalab imur fuq is-sit fejn seħħ l-inċident minn Vassallo & Associates, u ħejja r-rapport tiegħu abbażi ta' dak li seta' jikkonstata abbord il-bastiment. Ix-xhud qal li seta' josserva li minkejja li huwa kien mar fuq is-sit diversi sigħat wara li seħħ l-inċident, diversi persuni li kienu qegħdin jaħdmu x-Xatt ma kinux lebsin ilbies protettiv adegwat. Qal li huwa seta' jikkonstata li l-vapur kien wieħed ġdid u kien miżmum f'kundizzjoni tajba. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu ma jafx jekk l-attur kienx liebes ilbies protettiv fil-ħin meta seħħ l-inċident.

Il-kontroeżami tal-**Kaptan Joseph De Gabriele** sar waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar, 2019[39], fejn speċifika li fil-ħin meta mar fuq il-post fejn seħħ l-inċident, l-attur ma kienx għadu hemm, u dak il-ħin l-uniċi persuni preżenti kienu uffiċjali tal-bastiment flimkien ma' uffiċjali tal-Malta Freeport, peress li kien għadu għaddej ix-xogħol fuq il-vapur. Ix-xhud ikkonferma li meta tela' abbord il-bastiment seta' jikkonstata li l-*wire* kien imdendel. Kompla jgħid li huwa stabbilixxa li l-vapur kien daħal f'portijiet oħrajn u ħadd mill-persuni li kellhom bżonn jaħdmu abbord ma kien ilmenta minn xi nuqqas fil-vapur. Ix-xhud qal li huwa ma jistax jgħid b'ċertezza jekk fil-ħin tal-inċident l-attur kienx liebes

[37] *A fol.* 377 *et seq.* tal-proċess.
[38] *A fol.* 418 tal-proċess.
[39] *A fol.* 430 tal-proċess.

ilbies protettiv jew le, imma qal li meta ħaddiem ikun liebes ilbies protettiv, il-konsegwenzi tal-inċident ma jkunux daqstant serji.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Darren Zahra**[40], li kkonferma li l-kumpannija Carmelo Caruana Company Limited titqabbad bħala aġent mil-linja CMA CGM. Ix-xhud qal li hija l-linja CMA CGM li tgħaddi l-listi tal-merkanzija abbord il-vapur lill-Freeport, sabiex dawn il-listi jiġu pproċessati. Ix-xhud qal li l-Freeport tagħmel l-ipproċessar meħtieġ min-naħa tagħha, u bħala kumpannija huma ma jidħlux f'dan il-proċess. Żied jgħid li l-ħaddiema li jintbagħtu abbord jintgħażlu u jiġu ingaġġati min-naħa tal-Freeport. Qal ukoll li minkejja li bħala kumpannija huma jkunu infurmati li dieħel vapur, huma ma jkunux jafu x'ikun ser iħott jew jgħabbi fil-portijiet Maltin. Ix-xhud qal ukoll li wieħed mill-impjegati tal-kumpannija li jaħdem magħha hu, l-hekk imsejjaħ 'aġent' jitla' abbord mal-awtoritajiet, il-Pulizija u l-uffiċjali tad-Dwana, jiltaqgħu mal-Kaptan u flimkien jagħmlu l-ipproċessar tad-dokumentazzjoni rigward il-bastiment liema jkun. Ix-xhud qal ukoll li f'każ li s-sidien tal-vapur jidhrilhom li jkun hemm bżonn xogħol ta' manutenzjoni jew xi tip ta' tiswija fuq il-vapur, jistgħu jitolbu l-assistenza tal-aġenti Maltin sabiex jiksbu stimi u jagħmlu kuntatt ma' nies li jkunu kapaċi jagħmlu dak ix-xogħol.

Il-kontroeżami tal-istess xhud tkompla fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2019[41], u x-xhud intalab jippreżenta kopja tal-kuntratt li ġie ffirmat bejn CMA CGM u l-kumpannija Carmelo Caruana Limited.[42] Ix-xhud ippreżenta wkoll erba' kopji

[40] *A fol.* 453 tal-proċess.
[41] *A fol.* 463 tal-proċess.
[42] *A fol.* 466 tal-proċess.

ta' skedi li javżaw il-wasla tal-vapur f'Malta[43], il-*pre-arrival documents* tal-vapur[44], u dokumentazzjoni oħra marbuta mal-kundizzjonijiet abbord.[45]

Il-kontroeżami tax-xhud **Darren Zahra** tkompla waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2019[46], fejn ix-xhud qal li mid-dokumentazzjoni esebita jirriżulta li l-bastiment li fuqu seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri telaq minn Malta l-għada, fis-16 ta' April, 2014. Ix-xhud qal li d-dokumentazzjoni fir-rigward tal-istat tal-bastiment tintbagħat lill-kaptan tal-bastiment mill-aġent f'Malta, sabiex timtela minnu skont il-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawżi ta' din ix-xorta, fejn il-Qorti tkun rinfaċċjata kemm b'talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità da parti tal-konvenuti u/jew tal-imsejħa fil-kawża, kif ukoll b'talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni sofferti mill-attur, il-Qorti tibda biex tindirizza t-talbiet tal-attur billi teżamina l-provi miġjuba, sabiex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, il-konvenuti u/jew l-imsejħa fil-kawża għandhomx jinżammu responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Fil-kawża odjerna, kemm is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited kif ukoll l-imsejħa fil-kawża Alize 1957, ressqu l-eċċezzjoni li huma mhumiex leġittimi kontradditturi, u għaldaqstant jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ bir-reqqa x'kienet ir-relazzjoni ġuridika bejn l-attur u s-soċjetajiet konvenuti u l-imsejħa fil-kawża, kif ukoll x'responsabbiltajiet kellhom jinġarru minn kull waħda minnhom fir-relazzjoni tagħhom mal-attur.

---

[43] *A fol.* 467 tal-proċess.
[44] *A fol.* 471 tal-proċess.
[45] *A fol.* 472 *et seq.* tal-proċess.
[46] *A fol.* 509 tal-proċess.

Mill-provi jirriżulta li l-inċident li kien involut fih l-attur, seħħ meta dan kien qiegħed jaħdem bħala ħaddiem tax-Xatt abbord vapur tal-linja CMA CGM, bl-isem 'Titan', u kien ntbagħat abbord il-bastiment mill-*foreman* tas-soċjetà konvenuta Malta Freeport Terminals Limited. Ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa proċess li jissejjaħ *lashing,* fejn iħoll permezz ta' virga tal-ħadid għadd ta' viti li jkunu marbutin bihom il-*containers*. Mill-provi jirriżulta li waqt li l-attur kien qiegħed iħoll wieħed mill-*containers,* kellu jagħmel pass lura, għax ix-xogħol ta' *lashing* isir fi spazju ristrett ħafna, u jinvolvi l-użu tal-forza tal-id, u dak il-ħin l-attur ma sab l-ebda lqugħ biex iżommu minħabba li l-*wire rope* li suppost iservi tal-lqugħ kien maqlugħ jew illaxkat, bir-riżultat li l-attur waqa' għal isfel. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra ksur f'idejh kif ukoll ġrieħi fuq għajnu l-leminija, u kif ġie kkonstatat mid-diversi esperti mediċi li eżaminaw lill-attur, dan għadu jsofri minn debilità permanenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident.

L-attur xehed kif ħafna mill-bastimenti li jaħdmu abbord fuqhom il-ħaddiema tax-Xatt, ikollhom diversi nuqqasijiet, u f'dan il-każ l-ilqugħ li kellu l-bastiment fiż-żona fejn kien qiegħed jaħdem l-attur, kien laxk jew maqlugħ minn postu. Mark Busuttil, kollega tal-attur, li kien qiegħed jaħdem miegħu fil-ħin meta seħħ l-inċident, xehed li l-bastiment inkwistjoni kien wieħed ġdid u għalhekk ħadd mill-ħaddiema ma seta' jobsor li dan se jkollu xi nuqqasijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà ta' min ikun qiegħed jaħdem abbord. Imma wara li seħħ l-inċident, ix-xhud seta' jikkonstata li l-*wire rope* li kellu jservi ta' lqugħ fil-fatt kien maqlugħ minn postu. Dan ix-xhud qal ukoll li la hu u lanqas l-attur ma setgħu jindunaw b'dan in-nuqqas qabel seħħ l-inċident inkwistjoni. Anki x-xhud Eric Cutajar, li tela' abbord wara li seħħ l-inċident,

ikkonferma li l-inċident seħħ għax kien hemm *wire* li nqala' minn postu u tħalla maqlugħ.

Diversi xhieda f'dawn il-proċeduri qalu li l-kundizzjonijiet li jaħdmu fihom il-ħaddiema tax-Xatt huma perikolużi ħafna, kemm għax ix-xogħol ikollu jsir b'inġenji kbar li min-natura tagħhom jagħmlu x-xogħol aktar perikoluż, kif ukoll għax ħafna drabi x-xogħol ikollu jsir f'qasir żmien, u għalhekk kemm il-volum kif ukoll ir-ritmu li bih irid isir ix-xogħol jagħmluha diffiċli għall-ħaddiema tax-Xatt li qabel jibdew jaħdmu, jevalwaw l-ambjenti fejn ikunu sejrin jaħdmu sabiex jassiguraw li ma jkun hemm l-ebda periklu għalihom. Intqal ukoll minn diversi xhieda, fosthom mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, Ryan Fava u Eric Cutajar, li fis-snin passati kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fil-portijiet qajla kienu jingħataw importanza, għalkemm fi snin riċenti s-sitwazzjoni nbidlet u l-ħaddiema qegħdin jiġu mħeġġa jirrappurtaw sitwazzjonijiet li jkunu ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-prassi fil-Freeport hija li x-xogħol jiġi assenjat mill-*foreman* wara li dan jikkonsulta mal-pjanta tal-vapur minn fuq kompjuter, imma l-ebda *foreman* ma jitla' abbord u jevalwa s-sitwazzjoni fuq il-bastiment qabel jibgħat lill-ħaddiema jagħmlu x-xogħol fuqu. Mir-rapport li sar minn rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt, jirriżulta li l-bastiment inkwistjoni kellu diversi nuqqasijiet, u l-inċident inkwistjoni seta' jiġi evitat li kieku l-*wire rope* li nqala', reġa' twaħħal f'postu. Jirriżulta mill-provi li minkejja li fuq il-bastiment inkwistjoni bħala rutina kien isir xogħol ta' manutenzjoni, kif jindikaw il-*logs* tal-bastiment li ġew esebiti fil-kawża, mir-rapport tal-Kaptan Joseph De Gabriele jirriżulta li l-aħħar darba li l-*hand rails* tal-*lashing bridge* ġew iċċekkjati kien proprju xahar qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, fil-15 ta' Marzu, 2014. Dan ix-xhud ikkonstata

wkoll li meta tela' fuq il-bastiment u mar fil-post fejn seħħ l-inċident inkwistjoni, seta' jara l-*wire* imdendel, u d-dinamika tal-inċident kif spjegata mill-attur ġiet korraborata minn diversi xhieda li ddeponew f'dawn il-proċeduri. L-attur waqa' għal isfel għaliex il-*wire* li suppost kellu jservi ta' protezzjoni u ta' lqugħ għall-ħaddiema li jkunu qegħdin jaħdmu fuq il-*lashing bridge* illaxka jew inqala' minn postu.

Ix-xhud Eric Cutajar stqarr li r-responsabbilità għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt taqa' fuq Malta Freeport Terminals Limited. Il-Qorti qieset li l-ħaddiema tax-Xatt jiġu assenjati x-xogħol tagħhom minn *foreman* li jkun inġaġġat minn Malta Freeport Terminals Limited, u hija din l-entità li tingaġġa lill-ħaddiema biex jagħmlu x-xogħol fil-Freeport skont il-ħtieġa. Jirriżulta wkoll li hija Malta Freeport Terminals Limited li tipprovdi tagħmir u ilbies protettiv lill-ħaddiema tax-Xatt sabiex dawn jagħmlu użu minnu waqt ix-xogħol tagħhom, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li meta jinqalgħu inċidenti ta' din ix-xorta fejn ħaddiem ikun korra abbord bastiment li jkun sorġut il-Freeport, għax ma jkunx ġie pprovdut ambjent sigur tax-xogħol, Malta Freeport Terminals Limited għandha tinżamm responsabbli u twieġeb għad-danni sofferti minn tali ħaddiem.

Ix-xhud Darren Zahra impjegat tas-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited, xehed li din il-kumpannija, li fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni kienet aġent tal-linja tat-tbaħħir CMA CGM S.A., ma kellha u m'għandha l-ebda relazzjoni mal-ħaddiema tax-Xatt, u l-uniku kuntatt jew irbit li din għandha mal-ħaddiema tax-Xatt huwa meta jkollha bżonn in-nies biex jitilgħu abbord, u titlob lil Malta Freeport Terminals Limited tipprovdilha l-ħaddiema. Il-Qorti ma taqbilx li l-aġent tal-linja tat-tbaħħir responsabbli

għall-bastiment li fuqu jkun seħħ inċident, hija eżonerata mir-responsabbilità għal dak li jseħħ abbord il-bastiment, u hawnhekk tagħmel riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Alfred Mizzi *vs.* Sullivan Maritime Limited**[47], fejn intqal:

> "... din il-Qorti ma taqbilx li persuna maħtura aġent ta' xi ħadd ieħor ma tweġibx għal għemilha. Għall-obbligi kontrattwali li tidħol fihom għan-nom tal-prinċipal tagħha, iwieġeb, bħala regola ġenerali, l-istess prinċipal. L-aġent, però, fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu lilu mogħti, jrid jaġixxi ta' *bonus paterfamilias,* bid-diliġenza u l-abilità rikjesti minnu. Jekk il-mandatarju jew l-aġent jonqos minn dan l-obbligu tiegħu, iwieġeb għall-konsegwenzi u għad-danni (ara **Calleja noe et *vs* Ellul Sullivan noe et,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2004)."

F'din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell għamlet analiżi dettaljata tat-tip ta' relazzjoni li tiżviluppa bejn l-aġent tal-bastiment u l-ħaddiema tax-Xatt, fejn qalet illi:

> "Din ir-responsabbilità ma hijiex dipendenti fuq relazzjoni kuntrattwali ta' bejn *employer* u *employee,* u dan kif osservat espressament din il-Qorti fil-kawża **Mallia *vs* Cortis noe** deċiża fis-7 ta' Ottubru 1996. Kif kompliet tispjega l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Spiteri *vs* Malta Freeport Terminals Limited et** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2007:
>
> "Kif qalet il-Qorti fis-sentenza **P.A. Benjamin Sammut *vs* Meli Bugeja Co. Ltd.** (10/07/2006) ir-responsabbilità għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni bejn ħaddiem u min iħaddmu**.** Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu dmir li jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa, jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol.
>
> Darba s-soċjetà Maritime Sullivan Limited talbet hi li jsir xogħol fuq bastiment li tagħha kienet aġent, tidħol responsabbli biex tara li l-ħaddiema li ser jagħmlu xogħol inkarigat minnha u fejn tordna hi, ma jkunux f'riskju ta' ħsara. Kienet hi li talbet is-servizzi għax-xogħol tagħha, u allura, f'dak il-mument, tassumi obbligu għall-inkolumità tal-ħaddiema, li tista' tgħid saru 'tagħha'.

[47] Q.A., 30.10.2015.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Scicluna *vs* T.N. Waterproofing Ltd** deċiża fl-20 ta' April 2007:

> "Min iħaddem għandu jieħu taħt il-kontroll tiegħu s-sit fejn ikun se jibgħat il-ħaddiema tiegħu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konduċenti għal perikli għas-saħħa tal-ħaddiema tiegħu. Huwa dover ta' min iħaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex ineħħi kull riskju ta' periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min iħaddem għandu jirrifjuta jesegwixxi x-xogħol u jesponi l-ħaddiema tiegħu għal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Bugeja *vs* Montanaro Gauci,** deċiża fl-14 ta' Mejju 2004, 'huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilità li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilità ta' infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-*employer* li jipprovdi *a safe place of work."*

Minkejja li x-xhud Darren Zahra qal li rappreżentanti tal-kumpannija Carmelo Caruana Company Limited rari jkollhom għalfejn jitilgħu abbord, jekk mhux għaliex issir talba mis-sidien tal-bastiment jew mill-kaptan, xorta waħda dan ma jfissirx li bħala aġent tal-bastiment din is-soċjetà konvenuta m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-akkadut. Barra minn hekk dan ix-xhud ikkonferma li meta huma bħala aġenti tal-vapur ikollhom bżonn is-servizzi tal-ħaddiema tax-Xatt, huma jagħmlu talba f'dan is-sens lil Malta Freeport Terminals Limited, li tieħu ħsieb tipprovdi l-ħaddiema.

Jifdal għalhekk li l-Qorti tikkonsidra r-responsabbilità tas-soċjetà imsejħa fil-kawża Alize 1957, bħala proprjetarja tal-bastiment CMA CGM Titan. L-artikolu 347 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar Bastimenti Merkantili, huwa ċar dwar ir-responsabbiltajiet ta' sid ta' bastiment:

> "... is-sid ta' bastiment ikun responsabbli għall-obbligi kollha kuntrattati mill-kaptan dwar il-bastiment, u jkun responsabbli għal kull danni li jiġru b'għemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment."

Il-Qorti diġà irrilevat li l-inċident inkwistjoni ma kienx iseħħ li kieku ntużat id-diliġenza mistennija minn *bonus paterfamilias* fil-manutenzjoni taż-żoni kollha tal-bastiment, inkluż il-*lashing bridge* fejn seħħ l-inċident. Evidentement, mhux suffiċjenti li fuq bastiment li kontinwament huwa espost għall-aktar elementi estremi tan-natura, partikolarment waqt it-tbaħħir, issir spezzjoni ta' żoni li jridu jaħdmu fihom il-ħaddiema tax-Xatt darba f'xahar, jew b'mod inqas regolari minn hekk, kif jirriżulta li seħħ f'dan il-każ. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li kien hemm nuqqasijiet kbar fit-tmexxija tal-bastiment, partikolarment minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni f'waqtha tal-*wire rope* inkwistjoni li llaxka jew inqata' u ma ġiex imsewwi, bil-konsegwenza li seħħ l-imsemmi inċident abbord.

Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom diversi drabi dwar l-obbligi li għandu min iħaddem. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[48], intqal illi:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs***

[48] Q,A., 03.12.2010.

**Meilaq noe**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem *"to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"* – **Borg *vs* Wells noe**, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

Illi kif kellha l-okkażjoni tistabbilixxi din il-Qorti fid-deċiżjoni li tagħha fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals Limited**[49]:

"... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.

Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi**, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).

Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.

Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:

[49] P.A., 21.03.2016.

*'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' –* ***Charlesworth & Percy on Negligence*** *(Ninth Edition, 1997).'*

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) Li jiġi evitat riskju;

(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

(f) Billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi

mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."

Fil-każ odjern jirriżulta b'mod ċar li s-soċjetajiet konvenuti u s-soċjetà msejħa fil-kawża naqsu milli jħarsu diversi obbligi imposti fuqhom mil-liġi b'mod partikolari l-obbligu li jevitaw ir-riskju u li jindirizzaw ir-riskji fuq il-post tax-xogħol billi jittieħdu miżuri effettivi għat-tnaqqis tar-riskju għall-ħaddiema. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tqis li l-konvenuti u l-imsejħa fil-kawża għandhom iwieġbu għall-akkadut, u għandhom jinżammu responsabbli b'mod solidali bejniethom għad-danni sofferti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

Bħala prova tad-danni materjali sofferti minnu, l-attur ippreżenta kopja tal-irċevuti tal-konsulenti mediċi li invistawh wara l-inċident, Mr Thomas Fenech[50] u Mr Jason Zammit.[51] L-attur ressaq ukoll prova tat-telf attwali tiegħu fil-perijodu kollu li fih hu ma setax jaħdem, bejn il-15 ta' April, 2014 u t-22 ta' Settembru tal-istess sena, fejn mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur tilef introjtu ta' €49,912. Minn dan it-telf ta' dħul attwali, irid jitnaqqas l-ammont ta' €5,087.62, li l-attur irċieva bis-saħħa ta' skema ta' assigurazzjoni għall-ħaddiema tax-Xatt, li huwa kien assigurat taħtha, sabiex b'hekk jirriżulta li l-

[50] *A fol.* 6 tal-proċess.
[51] *A fol.* 7 tal-proċess.

attur tilef introjtu fl-ammont ta' €44,824.38. Dan ifisser li t-total ta' danni materjali sofferti mill-attur huwa fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, mija u erbatax-il Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€45,114.38).

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antoine Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq id-dħul tal-attur fis-sena li immedjatament tippreċedi dik li seħħ fiha dan l-inċident, l-2013 għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Id-dħul gross tal-attur fis-sena 2013 kien ta' €92,258[52], u meta wieħed inaqqas il-kontribuzzjonijiet tat-taxxa li kienu jammontaw għal €24,576 u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li kienu jammontaw għal €2,096.64, wieħed jasal għal dħul nett ta' €65,585.36.

Is-salarju tal-attur għas-sena 2013 irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[53]*,* sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €65,585.36 + €75,029.65[54] / 2 = €70,307.51. Dan huwa is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' wieħed u erbgħin (41) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2014, il-*multiplier* adottat ikun ta' 15[55], tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[56], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-

[52] *A fol.* 73 tal-proċess.
[53] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."
[54] Il-Qorti qieset li r-rata tal-inflazzjoni medja għas-snin 2013-2017 kienet ta' 0.96% (1.38% + 0.31% + 1.10% + 0.64% + 1.37% / 5 = 0.96%). Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.
[55] Vide **Zammit *vs.* Griffiths**, P.A., 23.01.2019.
[56] P.A., 10.05.2005.

> *'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-esperti mediċi li eżaminaw lill-attur wara l-inċident, li dan qiegħed isofri minn żewġ tipi ta' debilitajiet permanenti, dik ortopedika u dik oftalmoloġika. L-esperti mediċi *ex parte* waslu għall-konklużjoni li d-debilità permanenti sofferta mill-attur mil-lat ortopediku hija ta' 7% (Mr Jason Zammit), filwaqt li d-diżabilità permanenti sofferta minnu mil-lat oftalmoloġiku hija ta' 25% (Mr Thomas Fenech). Minkejja dan, Mr Thomas Fenech, konsulent fil-qasam tal-oftalmoloġija, wera l-fehma li din ir-rata ta' diżabilità tista' tiġi tradotta f'diżabilità permanenti ta' 10% fit-totalità tal-persuna. L-esperti mediċi maħtura mill-Qorti waslu għall-konklużjoni li d-diżabilità permanenti mil-lat ortopediku hija ta' 2% (Mr Ray Gatt) u ta' 10% mil-lat oftalmoloġiku (Mr Mario Vella). Huma kkonkludew li dan iwassal għal rata ta' diżabilità ta' 12% fit-totalità tal-persuna tal-attur. Il-Qorti ħatret ukoll esperti mediċi addizzjonali li wrew il-fehma li mil-lat ortopediku l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 7%, għalkemm dawn l-esperti qalu wkoll li hemm grad ta' diżabilità mil-lat oftalmoloġiku li huma ma kkonsidrawx fir-relazzjoni tagħhom. Il-Qorti hija tal-fehma li għandha tadotta *weighted*

*average* tad-diversi rati ta' debilità permanenti li waslu għalihom l-esperti mediċi maħtura minnha, u għal dan il-għan sejra tadotta s-7% tal-periti addizzjonali fir-rigward tad-diżabilità ortopedika (Mr Bernard, Mr Sciberras u Mr Zammit Maempel), u l-10% tal-konsulent oftalmoloġiku (Mr Mario Vella).

F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[57], il-Qorti qalet hekk dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit il-*weighted average* fejn persuna ssofri aktar minn debilità permanenti waħda b'konsegwenza ta' inċident li tkun ġarbet:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009**)."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs* Cachia**[58], il-Qorti qalet illi:

> "Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attur jagħtu debilità globali ta' 16.3%.[59]

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin

---

[57] 31.01.2014.
[58] P.A., 20.04.2009.
[59] Il-formula li ntużat mill-Qorti sabiex ġie stabbilit il-*weighted average* hija (100-M)/100 x m + M ('M' hija l-ogħla rata ta' diżabilità stabbilita, dik ta' 10% mil-lat oftalmoloġiku, filwaqt li 'm' hija l-inqas rata ta' diżabilità, dik ta' 7% mil-lat ortopediku).

biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €70,307.51 x *multiplier* ta' 15 x 16.3% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €171,900.61, li meta tiġi ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi mija u sebgħa u tletin elf, ħames mija u għoxrin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€137,520.49). Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, liema danni l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandhom jitħallsu lill-attur mill-konvenuti u mill-imsejħa fil-kawża, *in solidum* bejniethom, flimkien mad-danni materjali li jammontaw għal €45,114.38, sabiex b'hekk it-total ta' danni li għandhom jitħallsu lill-attur huma ta' mija u tnejn u tmenin elf, sitt mija u erba' u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€182,634.87).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tal-imsejħa fil-kawża;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li l-konvenuti u l-imsejħa fil-kawża huma responsabbli b'mod solidali għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident;**

3. **Tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur mill-konvenuti u mill-imsejħa fil-kawża *in solidum* bejniethom, fl-ammont ta' mija u tnejn u tmenin elf, sitt mija u erba' u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€182,634.87);**

4. **Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti u lis-soċjetà msejħa fil-kawża, sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti u l-imsejħa fil-kawża, fi kwoti ndaqs bejniethom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**